PARLAMENT TA' MALTA

# SETTE GIUGNO

# 2024



**Valletta**
**7 ta' Ġunju 2024**

Ritratt tal-qoxra: Dipartiment tal-Informazzjoni

# Programm Uffiċjali u

# Diskors mill-Onorevoli Anġlu Farrugia

# Speaker tal-Kamra tad-Deputati

# Parlament ta' Malta

# fl-okkażjoni tat-tifkira

# tas-SETTE GIUGNO

**Il-Ġimgħa, 7 ta' Ġunju 2024**

## Programm Uffiċjali

6.15 pm Wasla tal-Onorevoli Anġlu Farrugia, Speaker tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta, fi Pjazza San Ġorġ.

L-Ispeaker jilqa' lill-Onorevoli Bernard Grech MP, Kap tal-Oppożizzjoni, mal-wasla tiegħu fi Pjazza San Ġorġ.

L-Ispeaker jilqa' lill-Onorevoli Robert Abela MP, Prim Ministru ta' Malta, mal-wasla tiegħu fi Pjazza San Ġorġ.

6.30 pm Diskors mill-Onorevoli Anġlu Farrugia, Speaker tal-Kamra tad-Deputati, Parlament ta' Malta fl-okkażjoni tat-tifkira tas-Sette Giugno.

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, flimkien mal-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni, jieħdu posthom quddiem il-Monument tas-Sette Giugno.

Tindaqq il-Last Post.

Tiġi osservata minuta silenzju.

Tindaqq ir-Reveille.

L-Ispeaker iqiegħed kuruna f'riġlejn il-Monument tas-Sette Giugno.

Tqegħid ta' kuruni mill-Prim Ministru segwit mill-Kap tal-Oppożizzjoni, minn mistiedna distinti, familjari tal-vittmi u organizzazzjonijiet oħra.

Jindaqq l-Innu Nazzjonali.

# DISKORS FL-OKKAŻJONI TAS-SETTE GIUGNO 2024

Illum ninsabu miġburin, bħalma ilna nagħmlu għal diversi snin fil-jum tas-Sette Giugno, biex infakkru u nirriflettu fuq l-avvenimenti li seħħew fis-7 ta' Ġunju 1919, speċifikament l-irvellijiet mill-poplu Malti kontra l-ħakma Ingliża li ġraw proprju fit-triq ta' faċċata ta' din il-pjazza, ftit 'il bogħod minn fejn ninsabu llum. Meta wieħed jifhem il-kuntest li seħħew fih dawn l-irvellijiet jagħraf li dawn seħħew f'perjodu tal-istorja li fih pajjiżna kien ikkaratterizzat minn problemi ekonomiċi u soċjali kbar. Insemmi, fost l-oħrajn, il-faqar u l-ġuħ minħabba prezzijiet għoljin ta' ikel bażiku bħall-ħobż. Kien ukoll perjodu ta' taqlib politiku kbir, meta pajjiżna lanqas biss kellu l-ogħla liġi tal-pajjiż fuq xiex jistrieħ, kostituzzjoni li kienet tixraqlu mhux dakinhar, imma sa minn ħafna snin qabel, kostituzzjoni li tagħti s-setgħa lill-Maltin li jesprimu ruħhom dwar id-direzzjoni li xtaqu li pajjiżhom jieħu.

Tliet snin wara l-irvellijiet illi seħħew fis-Sette Giugno tal-1919, il-poplu Malti finalment ingħata l-Kostituzzjoni Amery-Milner, li għalkemm kienet limitata ħafna, kienet timmarka wieħed mill-iżviluppi kostituzzjonali u politiċi ewlenin ta' pajjiżna. Fil-parti l-kbira tiegħu dan l-iżvilupp huwa attribwit għal dak li l-Maltin, b'ħeġġa u b'kuraġġ liema bħalhom, għamlu fl-irvellijiet tas-Sette Giugno.

Minn riċerka li għamilt, jidher li kien hemm 64 suldat Ingliż li kienu ordnati li mhux biss iferrxu n-nies fil-Belt imma anke jiftħu n-nar fuq il-folla. Għalhekk ma rridx nonqos milli nsemmi u nfakkar il-vittmi immedjati ta' dawn il-protesti li tilfu ħajjithom waqt l-irvellijiet u li isimhom huwa mnaqqax fuq dan il-monument. Qed nirreferi għal Emanuel Attard, Karmenu Abela, Guże Bajada u Wenzu Dyer. Ma rridx ninsa wkoll dak li ġara fil-jiem ta' wara s-Sette Giugno, meta kien hemm persuni oħrajn li tilfu ħajjithom jew li kellhom feriti gravi konsegwenza tat-tiri u daqqiet ta' bajunetta li qalgħu mingħand dawn is-suldati. Dan il-monument għalhekk iservi biex ifakkarna wkoll kif tnaqqxet parti ewlenija mill-istorja ta' pajjiżna.

Meta wieħed jirrifletti fuq dak li ġara fl-1919, wieħed ma jistax ma jinnotax xi ftit tal-ironija meta niftakru li, proprju ftit snin qabel, 10% tal-popolazzjoni ta' Malta, u allura qed ngħidu aktar minn 20,000 persuna – għax il-popolazzjoni f'Malta kienet tgħodd madwar 222,000 f'dak il-perjodu

– ħadet sehem b’mod volontarju fl-Ewwel Gwerra Dinjija. L-istorja turi li aktar minn 1,000 minnhom kienu ħadu sehem flimkien ma’ ċittadini oħra tal-Commonwealth, Awstraljani u oħrajn, fil-battalja ta’ Gallipoli fl-1915. Il-qlubija tal-poplu Malti ta’ dak iż-żmien wasslet biex saħansitra jirreferu għal Malta bħala ‘n-nurse of the Mediterranean’ minħabba n-numru kbir ta’ feruti tal-forzi alleati li nġabu Malta għall-kura f’dan il-perjodu.

Fis-snin u x-xhur ta’ qabel is-Sette Giugno, il-Maltin obdew id-direzzjoni tal-alleati fl-Ewwel Gwerra, tant li fis-26 ta’ April tal-1919 fiċ-ċimiterju Tal-Pietà saret ċerimonja kbira ad unur ta’ dawk is-suldati li mietu f’Gallipoli, fosthom suldati Awstraljani, minn New Zealand, u anke Maltin, li jinsabu midfuna hemm. L-istess sar fi knisja popolari mal-Maltin ta’ dak iż-żmien, dik ta’ San Marku, f’Lixandra fl-Eġittu, fejn il-knisja kienet mimlija daqs bajda. Iċ-ċerimonja fiċ-ċimiterju Tal-Pietà baqgħet issir kull sena fil-jum li sar magħruf bħala ANZAC Day.

Wieħed ma jistax ma jarax ukoll l-ironija meta l-istess Imperu Ingliż ta’ dak iż-żmien, ftit snin biss wara, minflok ta kas tal-karba u l-għajta tal-Maltin għall-awtonomija wara li dawn ipparteċipaw b’mod volontarju u anke b’ħeġġa fl-Ewwel Gwerra Dinjija flimkien mal-alleati, fl-istess sena kellhom ikunu huma stess il-vittmi talli ġġieldu għad-drittijiet tagħhom, u saħansitra kien hemm l-ordni li jiġu sparati tiri fil-konfront tagħhom.

Kull sena f’din il-kommemorazzjoni niddedika l-ewwel parti tad-diskors tiegħi biex infakkar dak li ġara fil-ġranet u l-ġimgħat imqanqla tal-1919, għax huwa importanti li wieħed jixtarr dak li kellhom jgħaddu minnu missirijietna biex pajjiżna jkun jista’ jimxi ’l quddiem. Dan huwa xhieda wkoll li l-problemi li jkollu pajjiż iridu jiġu indirizzati u l-poplu ma jrid jaqta’ qalbu qatt. Għalhekk il-poplu Malti huwa ta’ min jammirah, għaliex huwa poplu li fl-istorja tiegħu wera illi huwa reżiljenti għall-aħħar u kull meta sab ruħu fi kriżi dejjem wera min hu u għal xiex inhu kapaċi.

Fil-jum li fih infakkru dan il-pass kbir fil-mixja demokratika ta’ pajjiżna, nixtieq nagħmel xi osservazzjonijiet dwar dak li naħseb għad fadal xi jsir biex il-Parlament tagħna jkun dejjem aktar effettiv, aktar parteċipattiv u fuq kollox aktar demokratiku.

Nibda biex nindirizza kritika li spiss issir, anke minn membri parlamentari stess, dwar it-tul tal-ħin tad-diskorsi fil-Kamra. Filwaqt li nosserva li, bħal

f'leġiżlaturi preċedenti, fil-bidu ta' din il-Leġiżlatura l-Kamra qablet li tqassar il-limitu tal-ħin għad-diskorsi għal massimu ta' nofs siegħa, għajr għal xi eċċezzjonijiet fejn jista' jkun itwal, żgur li wasal iż-żmien li dan il-limitu ta' ħin jidħol ukoll fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra. Il-bżonn qed jinħass aktar u aktar issa li l-Parlament kiber biż-żieda ta' 12-il Membru Parlamentari mara li daħlu fil-Parlament wara l-Elezzjoni Ġenerali tal-2022 bl-applikazzjoni tal-emenda kostituzzjonali tal-2020. Illum li l-Parlament fih 79 Membru nemmen – kif diversi persuni u Membri anke stqarrew pubblikament – illi l-ħin massimu permissibbli għad-diskorsi għandu jinżel b'mod drastiku u ma  jkunx aktar minn 15 jew 20 minuta.

Din hija waħda biss minn diversi emendi li nemmen li hemm bżonn isiru fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra sabiex il-Parlament ikun dejjem aktar effiċjenti, u konvint li bil-koperazzjoni taż-żewġ naħat tal-Kamra nistgħu naslu.

Xtaqt nagħmel ukoll osservazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, li daħal fis-seħħ lejn tmiem l-2018, speċifikament b'referenza għal rapporti mibgħuta lill-Kumitat mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika meta dan isib ksur tal-etika minn membru parlamentari, inkluż ministri jew segretarji parlamentari. F'każ li l-Kumitat jasal li jadotta r-rapport tal-Kummissarju, ikun irid jgħaddi għall-applikazzjoni ta' sanzjoni.

Jien naqbel ma' dak li kiteb il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika stess fl-ittra li bagħat lis-Sedja fit-18 ta' Lulju 2023 fejn qal li l-guidelines dwar ir-reklamar li għandhom jiġu osservati mill-membri tal-Eżekuttiv għandhom ikunu parti mill-kodiċi ta' etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari li huwa parti mill-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Nemmen li dan għandu jsir kemm jista' jkun malajr biex il-Kumitat ikollu bażi legali fuqiex jiddeċiedi jekk hemmx ksur jew le tal-etika, u fejn hemm bżonn japplika sanzjonijiet, dwar rapporti li jidħlu mingħand il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika fil-konfront ta' membri tal-Eżekuttiv.

Skont il-prinċipju tar-rule of law, ma tistax tapplika dispożizzjoni ta' liġi li għadha mhix parti mil-liġi tal-pajjiż, f'dan il-każ l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Dan qed ngħidu f'każ ta' rapporti li jiġu adottati mill-Kumitat dwar Standards fil-Ħajja Pubblika taħt l-artikolu 27 u allura

wieħed ikun irid japplika sanzjoni skont artikolu 28. Insaqsi: kif tista' tapplika piena meta dan ir-reat mhuwiex inkluż fil-liġi? Ċertament li jekk isir hekk, ikun l-istess Kumitat li jikser il-liġi u jkun soġġett ta' ksur tad-drittijiet tal-individwu kif garantiti mill-Kostituzzjoni ta' pajjiżna u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Għalhekk naqbel mal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika illi kemm jista' jkun malajr il-linji gwida dwar ir-reklamar maħruġa mill-Uffiċċju tiegħu, għandhom jiġu inklużi fil-liġi b'vot mill-Parlament sabiex tinqata' kull anomalija legali.

Punt ieħor li xtaqt nagħmel referenza għalih, kif għamilt ukoll f'okkażjonijiet oħra, huwa li għandu jkun hemm diskussjoni u qbil bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra sabiex il-Parlament jadotta mekkaniżmu li permezz tiegħu, minn żmien għal żmien skont il-każ, ikun jista' jiddiskuti – jew f'seduta parlamentari jew f'kumitat parlamentari – ir-rapporti u l-opinjonijiet mgħoddija mill-Ombudsman lill-Ispeaker skont artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman. Is-Sedja dejjem tara li dawn ir-rapporti jitpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra malli jaslu għandha u allura jkunu għad-dispożizzjoni tal-Membri kollha, iżda ntenni li nemmen li l-kritika li ssir anke mill-istess Ombudsman li ma jkunx hemm azzjoni jew diskussjoni dwarhom fil-Parlament hija ġustifikata. Nappella għalhekk liż-żewġ naħat sabiex isibu  l-opportunità illi jaraw kif dan jista' jsir.

Nagħmel l-istess appell li ili nagħmel diversi snin kemm ili Speaker, illi għandu jinstab mekkaniżmu fejn iċ-ċittadin li jħossu inġurjat bi kliem li jingħad dwaru fil-Parlament ikollu rimedju għal kull abbuż mill-privileġġ parlamentari li jgawdu minnu l-Membri Parlamentari, dak li spiss nirreferu għalih bħala 'citizen's right of reply'. Din hija proċedura ta' rimedju li nsibuha f'diversi pajjiżi tal-Commonwealth. Jien ilni diversi snin nisħaq li dan id-dritt għandu jidħol f'Malta wkoll, iżda għalkemm sar ħafna diskors u dibattitu, anke mhux b'mod uffiċjali, sal-lum il-Parlament Malti għadu nieqes minn dan ir-rimedju.

Kemm irridu nistennew aktar sabiex ċittadin ordinarju jkun jista' jeżerċita d-dritt tiegħu kontra Membru Parlamentari illi jabbuża mill-privileġġ parlamentari fil-konfront tiegħu? Jekk qed nitkellmu fuq ir-rule of law, fuq is-saltna tad-dritt, allura għandu jkun hemm ukoll rimedju parlamentari għal dak iċ-ċittadin li jkun vittma ta' abbuż minn Membru Parlamentari meta dan ikollu l-protezzjoni tal-privileġġ parlamentari. Żgur li wasal iż-żmien illi

jkun hemm rimedju għal dan, anke billi jiġu riveduti l-Ordnijiet Permanenti sabiex ikunu jinkludu dan ir-rimedju.

Għalkemm bħala istituzzjoni ħajja l-Parlament jibqagħlu dejjem aktar fejn itejjeb lilu nnifsu, ma nistax ma ninnotax illi l-Parlament ma qatax mir-ritmu ta' seduti fil-plenarja u ta' laqgħat tal-kumitati. Meta nqabbel dan ir-ritmu ma' dak ta' pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea u anke tal-Commonwealth, nemmen li l-Parlament għandu waħda mill-ogħla clearance rates fejn jidħlu liġijiet.

Bla dubju, wieħed mill-akbar passi li għamel il-Parlament din is-sena, kien li f'Marzu li għadda, b'mod unanimu eleġġa lin-Nutar Myriam Spiteri Debono bħala President tar-Repubblika. Wieħed għandu jifhem u japprezza l-importanza ta' dan meta jqis li dan sar fil-qafas il-ġdid tal-kweżit tad-due terzi tal-Kamra għall-ħatra tal-President. B'hekk ġiet evitata l-possibbiltà kkontemplata fil-Kostituzzjoni illi l-Ispeaker jinħatar Aġent President.

Insemmi wkoll l-importanza ta' ċerti deċiżjonijiet illi tat is-Sedja f'diversi rulings. Fost madwar għaxar deċiżjonijiet li ngħataw insemmi dak mogħti ftit tal-ġimgħat ilu fejn sħaqt dak li s-Sedja ilha tappella: minkejja n-nuqqas ta' regoli dwar teħid ta' ritratti fil-Kamra meta tkun qiegħda tiltaqa', il-Membri ma għandhomx jinsew li l-Parlament huwa l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż u l-imġiba tagħhom għandha tkun dejjem waħda xierqa u ta' eżempju.

Insemmi wkoll il-każ fejn is-Sedja kellha tiddeċiedi dwar l-ammissibilità ta' emenda għal mozzjoni li kienet qiegħda tiġi diskussa fil-Kamra, meta s-Sedja aċċettat emenda għal emenda.

Nirreferi wkoll għad-diversi lmenti mressqa lis-Sedja dwar tweġibiet mogħtija minn Ministri għal mistoqsijiet parlamentari. Is-Sedja tfakkar illi għalkemm is-Sedja ma għandhiex mansjoni dwar il-mod kif jiġu mwieġba dawn il-mistoqsijiet, dan ma jfissirx li l-membri tal-Eżekuttiv huma ġustifikati jagħtu tweġibiet li ma jirriflettux sew dak li qed jiġi mitlub minnhom.

Ma nistax ma nsemmix ukoll id-diversi talbiet li saru sabiex il-Kamra taġġorna taħt l-Ordni Permanenti 13 ħalli tiddiskuti materji definiti, ta' importanza pubblika u urġenti. Filwaqt li s-Sedja tifhem li l-Parlament

għandu jkun il-post fejn isiru l-aktar dibattiti importanti għal pajjiżna, is-Sedja tħossha marbuta bl-applikazzjoni tar-regoli tal-Kamra u ta' kif dawn ġew applikati matul is-snin, u żgur ma tarax li tista' tippermetti li jsiru dibattiti li jistgħu, pereżempju, jippreġudikaw id-drittijiet ta' persuni li jkunu għadhom iridu jiddefendu lilhom infushom fil-qrati.

F'dik li hi ħidma parlamentari ma nistax ma nsemmix ukoll ir-rwol tal-Parlament, inkluż tas-Sedja, fl-arena internazzjonali, u dan partikolarment meta nagħrfu li kunflitti li jkunu għaddejjin madwarna qed joħolqu żbilanċ mhux biss fir-reġjun imma anke fid-dinja. Biss biss insemmi l-kunflitt fuq il-kontinent Ewropew bejn l-Ukrajna u r-Russja, u l-kunflitt fil-Lvant Nofsani, fejn qed naraw atroċitajiet kbar, inkluż eluf ta' tfal innoċenti jinqatlu b'kapriċċ f'Gaża. Għalhekk ħassejt il-ħtieġa li b'kull mod possibbli nipparteċipa bl-aktar mod b'saħħtu f'fora internazzjonali anke billi nressaq mozzjonijiet u riżoluzzjonijiet favur il-paċi, favur id-dibattitu kostruttiv u d-diplomazija parlamentari f'kull forum. Fost dawn insemmi pereżempju l-parteċipazzjoni reċenti tas-Sedja fil-Konferenza tal-Ispeakers tal-Unjoni Ewropea taħt il-Presidenza Spanjola, u fil-konferenza li saret fi tmiem April f'Ċipru fejn flimkien fakkarna għeluq l-20 sena mid-dħul tagħna fl-Unjoni Ewropea.

L-istess jista' jingħad għad-delegazzjonijiet l-oħra parlamentari, fosthom tal-Unjoni Interparlamentari (IPU), fejn is-Sedja ġiet eletta fil-Committee to Promote Respect for International Humanitarian Law. Hemmhekk is-Sedja qiegħda taħdem bla heda f'dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet tar-refuġjati u persuni li kellhom jitilqu minn pajjiżhom jew jitilqu miż-żona fejn jgħixu minħabba inkwiet jew kunflitti.

L-impenn tal-Parlament Malti f'kuntest internazzjonali ma jsirx biss barra minn Malta, imma anke lokalment. Pereżempju, reċentement kelli laqgħa fl-uffiċċju tiegħi mal-Kap tal-Oppożizzjoni tal-Belarus, Sviatlana Tsikhanouskaya u delegazzjoni parlamentari mill-Belarus, fejn sħaqt dwar il-ħidma li għandha tkompli bejn il-Parlament Malti u d-delegazzjoni parlamentari fl-eżilju bil-għan li terġa' tirrenja d-demokrazija fil-Belarus.

Nemmen bis-sħiħ fir-rwol li għandu l-Parlament Malti sabiex b'kull mezz possibbli jkompli jaħdem għall-paċi fost il-ġnus.

Nemmen li bħalma għamlu ta' qabilna, għandna nkomplu naħdmu u nieħdu dawk id-deċiżjonijiet li permezz tagħhom dejjem inżommu l-Parlament Malti mhux biss ħaj u relevanti għal dak li qed jiġri madwarna lokalment imma wkoll barra minn xtutna. Inżid li meta wieħed iħares lura lejn l-iżvilupp parlamentari tul dawn il-ftit aktar minn mitt sena ta' demokrazija parlamentari, wieħed jifhem kemm huwa importanti li d-demokrazija parlamentari ħajja titlob li nibqgħu dejjem nirriflettu fuq dak li għamilna, fuq dak li forsi stajna għamilna aħjar, u fuq dak li rridu nagħmlu aħjar għal ta' warajna sabiex nibqgħu ntejbu u nsaħħu dan il-Parlament tagħna ħalli nkomplu nagħmlu l-almu tagħna biex nilħqu l-aspirazzjonijiet tal-poplu. Biex isir dan, m'hemmx dubju li hemm bżonn il-kooperazzjoni u l-impenn tal-Membri Parlamentari kollha. Għalhekk irrid nirringrazzja lill-Membri Parlamentari kollha li huma l-aktar parti essenzjali mil-Leġiżlatura.

Nemmen li din il-kommemorazzjoni tas-Sette Giugno, li ssir kull sena biex infakkru u napprezzaw dak li għaddew minnu missirijietna, għandha sservi biex mill-ġdid nitħeġġu bl-enerġija ħalli nkomplu nsaħħu din l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, mhux biss għall-ġid ta' pajjiżna llum imma anke għall-ġenerazzjonijiet li għad iridu jiġu warajna.